MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2008

Talba Numru. 508/2007

**Talba Nru: 508/07PBC**

**Joseph Buttigieg I.D. 544436 (M)**
**u Catherine Buttigieg**

**Vs**

**Joseph Muscat I.D. 767139(M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) - (Lm1,000) rapprezentanti sena kera bil-quddiem ghall-iskadenzi mid-9 ta` Frar 2007 sat-8 ta` Frar 2008 u dan skond skrittura tat-2 ta` Frar 2006 li bis-sahha taghha l-

konvenut kera l-fond ossia garage li jgib l-isem “Ta`Cikkies” fi Triq l-Ghasel, Mellieha, li kopja taghha giet annessa mal-avviz bhala Dok A bl-imghaxijiet legali b’effett mit-2 ta` Frar 2007 tal-pagament effettiv, b’rizerva cara ghal kull azzjoni spettanti lill-esponenti, inluz izda mhux biss ghax-xoljiment tal-kirja odjerna.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut debitament notifikat ma pprezentax risposta u lanqas ma deher ghas-seduti ta` dan it-Tribunal.

Sema` x-xhieda ta` l-attur John Buttigieg li kkonferma l-pretenzjoni tieghu u li l-ammont mitlub ghadu dovut u zied jghid li fil-mori skadiet skadenza ta` kera ohra, liema skadenza ohra mhix inkluza fil-mertu ta` din il-kawza.

In vista tal-premess it-talba attrici tirrizulta provata u tisthoqq li tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talba ta` l-atturi u jikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-atturi s-somma ta` elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) – (Lm1,000). L-ispejjez tal-kawza huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------